PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

**2010/2311(INI)**

27.5.2011

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-linja politika tal-UE kontra t-terroriżmu: il-kisbiet ewlenin u l-isfidi tal-futur
(2010/2311(INI))

Rapporteur: Ágnes Hankiss

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrikonoxxi li t-terroriżmu, kif jistqarru l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà[1] u r-Rapport ta' Implimentazzjoni tagħha[2], għadu theddida kbira għall-istabbilità internazzjonali u għas-soċjetajiet Ewropej li teħtieġ risposta kkoordinata globalment li tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali; jenfasizza li l-ġlieda kontra t-terroriżmu teħtieġ approċċ komprensiv ibbażat fuq is-servizzi għall-ġbir ta' informazzjoni siewja, il-pulizija, il-ġudikatura, mezzi politiċi u – f'xi każijiet limitati – militari; jindika li skont il-klawżola tas-solidarjetà definita fl-Artikolu 222 tat-TFUE, tista' tittieħed deċiżjoni biex operazzjoni tal-PSDK tassisti Stat Membru, fuq talba tal-awtoritajiet politiċi tiegħu, fil-każ ta' attakk terroristiku; jenfasizza l-ħtieġa li wieħed ikun ippreparat u jilqa' l-aġġornament kurrenti tad-database militari u l-kontribut tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża għall-ġlieda kontra t-terroriżmu;

2. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-pajjiżi sħab tagħha jibbażaw l-istrateġija tagħhom għall-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali fuq l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet fundamentali; jissottolinja wkoll li l-azzjonijiet esterni tal-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali għandhom l-ewwel nett ikunu mmirati lejn il-prevenzjoni, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi d-djalogu, it-tolleranza u l-fehim fost kulturi, ċivilizzazzjonijiet u reliġjoni differenti;

3. Jenfasizza li għadhom jeżistu ostakli istituzzjonali għal politika tal-UE kontra t-terroriżmu effikaċi, partikolarment id-diversi kumitati, aġenziji u burokraziji involuti; jenfasizza li l-Koordinatur għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu għandu rwol kruċjali fl-iżgurar tal-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għal Kontra t-Terroriżmu, fil-koordinament tal-ħidma kontra t-terroriżmu fl-Unjoni, u fit-trawwim ta' komunikazzjoni aħjar bejn l-UE u pajjiżi terzi; jistiednu jkompli jinforma regolarment lill-Parlament dwar dawn il-kwistjonijiet;

4. Jippromwovi approċċ olistiku u komprensiv għall-politika dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu billi jissuġġerixxi l-armonizzazzjoni tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà u tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna[3] u t-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' koordinament eżistenti bejn l-istrutturi tal-Kunsill tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Interni, l-aġenziji u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, waqt li jiġu sfruttati l-kapaċitajiet ġodda taċ-Ċentru ta' Sitwazzjonijiet (SitCen) sabiex tingħata informazzjoni u analiżijiet strateġiċi f'waqthom u b'hekk jittejjeb il-koordinament bejn l-istrumenti tal-politika esterna u dik interna; jinkuraġġixxi l-Kordinatur għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu jkompli l-isforzi tiegħu f'dan il-qasam;
5. Iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE jiżguraw li l-ebda att ta' terroriżmu ma joriġina mill-fruntieri tagħhom stess u għaldaqstant jikkommettu biżżejjed riżorsi għall-ġlieda

[1] http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cmsUpload/78367.pdf
[2] http://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms_Data/docs/pressdata/EN/reports/104630.pdf
[3] http://register.consilium.europa.eu/pdf/mt/10/st05/st05842-re02.mt10.pdf

domestika kontra r-radikalizzazzjoni u t-terroriżmu; jitlob għall-kooperazzjoni iktar mill-qrib bejn l-UE u n-NATO fil-politika dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u jissuġġerixxi li r-RGħ/VP u l-Koordinatur għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu għandhom jidħlu b'mod attiv fid-diskussjonijiet kontra t-terroriżmu man-NATO; jilqa' r-raggruppamenti informali ta' Stati Membri bħall-Grupp Salzburg, it-Task Force tal-Baħar Baltiku u l-G6 li jinġabru biex jikkoordinaw is-sigurtà u jwettqu eżerċizzji ta' kontra t-terroriżmu; hu favur l-estensjoni ta' dawn l-isforzi biex jinkludu iktar Stati Membri u jirrakkomanda li jkun hemm taħriġ kondiviż bejn il-forzi tas-sigurtà u tal-pulizija tal-Istati Membri;

6. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġu estiżi u żviluppati s-sħubiji strateġiċi eżistenti u dawk ġodda relatati mal-ġlieda kontra t-terroriżmu ma' pajjiżi barra l-Ewropa, sakemm dawn is-sħubiji jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza l-kooperazzjoni strateġika bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti u jindika l-bżonn għall-kooperazzjoni mas-sħab l-oħra, filwaqt li jtenni l-importanza li l-Unjoni tati lill-protezzjoni tad-data personali taċ-ċittadini u d-drittijiet tal-bniedem u ċivili tagħhom; jinnota inizjattivi bilaterali u ftehimiet bħad-Dikjarazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti u l-Istati Membri tal-2010 dwar il-Ġlieda kontra t-terroriżmu, il-Ftehim dwar il-Programm għat-Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (l-hekk imsejjaħ ftehim SWIFT), id-dikjarazzjoni ta' Toledo dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni, kif ukoll id-Dikjarazzjoni Konġunta bejn l-UE u l-Indja dwar it-Terroriżmu Internazzjonali, bħala eżempji pożittivi li jridu jiġu segwiti fir-relazzjonijiet tal-Unjoni mal-pajjiżi terzi oħra;

7. Jenfasizza li servizzi għall-ġbir ta' informazzjoni siewja tajbin huma kruċjali biex jiġi miġġieled it-terroriżmu u li l-UE hija f'pożizzjoni unika tajba biex tiffaċilita l-iskambju tal-informazzjoni siewja bejn l-Istati Membri; jindika kif xieraq li l-intelliġenza umana, apparti l-mezzi tekniċi kollha disponibbli, għadha indispensabbli fil-ġlieda kontra n-netwerks terroristiċi u l-prevenzjoni f'waqtha ta' attakki; jilqa' x-xogħol tas-SitCen fl-għoti ta' analiżi strateġika u jħeġġeġ iktar skambju tal-informazzjoni siewja fil-livell tal-UE bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi ewlenin; jinkuraġġixxi kooperazzjoni iktar mill-qrib tal-Europol u l-Eurojust mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi mhux tal-UE, sabiex tkun żgurata twissija bikrija;

8. Jissottolinja li l-ġlieda kontra t-terroriżmu hija parti integrali mir-relazzjonijiet tal-Unjoni mal-pajjiżi terzi; jitlob għal żieda fil-finanzjament tal-miżuri li jgħinu fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fl-Istrument għall-Istabbiltà li jmiss sabiex jiġi evitat falliment tal-istat; jaqbel, f'dan ir-rigward, maż-żoni ta' prijorità huma n-Nofsinhar tal-Asja, b'mod partikolari l-Pakistan u l-Afganistan, ir-reġjun tas-Sahel (il-Mawritanja, il-Mali, in-Niġer), is-Somalja u l-Jemen; jilqa' l-preżentazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fir-reġjun tas-Sahel fil-21 ta' Marzu 2011 u jistieden lill-Kunsill jadotta l-Istrateġija b'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew; jilqa' l-inklużjoni tal-klawżoli dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu fil-ftehimiet internazzjonali;

9. Jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu bejn l-Unjoni u l-organizzazzjonijiet internazzjonali l-oħra, partikolarment in-NU, li hi ibbażata fuq valuri u objettivi komuni, u jitlob għar-ratifika universali u l-implimentazzjoni sħiħa tal-konvenzjonijiet u l-protokolli kollha tan-NU relevanti tat-terroriżmu; jitlob għal relazzjoni ta' ħidma iktar mill-qrib mal-korpi tan-NU u l-organizzazzjonijiet reġjonali sabiex l-Istati Membri kollha tan-NU jkunu jistgħu jimplimentaw bis-sħiħ l-obbligi tagħhom fil-ġlieda

kontra t-terroriżmu; hu favur l-adozzjoni tal-Konvenzjoni Komprensiva tan-NU dwar it-Terroriżmu u kooperazzjoni msaħħa mal-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu; jenfasizza l-fatt li l-Unjoni rnexxielha tippromwovi Strateġija Globali Kontra t-Terroriżmu fil-livell tan-NU u jitlob għal eżami bir-reqqa tal-proċedura tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li jinkludi u jneħħi mil-lista l-organizzazzjonijiet terroristiċi u l-individwi; f'dan ir-rigward, jilqa' l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni 1904 (2009) tal-KSNU li pprovdiet rieżami perjodiku tal-lista u ħolqot Uffiċju tal-Ombudsman biex jassisti lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet fit-tneħħija mil-lista ta' individwi;

10. Jitlob għall-ħolqien ta' strateġija komprensiva dwar l-interkonnessjoni bejn il-kriminalità, it-traffikar tad-drogi u t-terroriżmu organizzati fil-livell internazzjonali; jinkuraġġixxi l-analiżi kontinwa tat-tendenzi u l-karatteristiċi ġodda fid-diversifikazzjoni, fir-radikalizzazzjoni u fir-reklutaġġ u dawk relatati mar-rwol tal-organizzazzjonijiet internazzjonali nongovernattivi fil-finanzjament tat-terroriżmu.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.5.2011 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 48<br>–: 7<br>0: 4 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Sir Robert Atkins, Dominique Baudis, Elmar Brok, Arnaud Danjean, Michael Gahler, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Heidi Hautala, Anna Ibrisagic, Anneli Jäätteenmäki, Jelko Kacin, Ioannis Kasoulides, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Evgeni Kirilov, Andrey Kovatchev, Paweł Robert Kowal, Eduard Kukan, Alexander Graf Lambsdorff, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, Barry Madlener, Mario Mauro, Kyriakos Mavronikolas, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, María Muñiz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Kristiina Ojuland, Ria Oomen-Ruijten, Cristian Dan Preda, Fiorello Provera, Libor Rouček, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Nikolaos Salavrakos, Jacek Saryusz-Wolski, Werner Schulz, Marek Siwiec, Hannes Swoboda, Charles Tannock, Inese Vaidere, Geoffrey Van Orden, Kristian Vigenin, Graham Watson, Boris Zala |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Reinhard Bütikofer, Tanja Fajon, Kinga Gál, Elisabeth Jeggle, Baroness Sarah Ludford, Norbert Neuser, Doris Pack, Vittorio Prodi, Dominique Vlasto, Luis Yáñez-Barnuevo García |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Joachim Zeller |